# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**L-Ewwel (1) ta' Diċembru 2022**

**Rikors Numru 707/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Luca Buzzanca (ID145726A)**

**Vs**

**Roberto Villosio (I.D. 140426A)**
**David Gros (I.D. 0144508A)**
**Il Giardino Wine Cellar Limited (C 70091)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Awissu 2020, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

   1. *Illi l-attur ħallas tmienja u tletin elf u tmien mitt Ewro (€38,800) lill- intimati azzjonisti fis-soċjetà Il Giardino Wine Cellar Ltd (C 70091) biex huwa jkun jista' jiġġestixxi Il Giardino Wine Cellar fi Triq it-Turisti, Qawra, San Pawl il-Baħar.*

   2. *Illi l-attur ġie meħud mill-intimati għand l-Onorevoli Clayton Bartolo bħala kummerċjalista tal-istess soċjetà u soċji intimati biex jiġu redatti l-iskritturi appożiti konċernanti t-tmexxija u lokazzjoni ta' Il Giardino Wine Cellar, fi Triq it-Turisti, Qawra.*

3. *Illi saru l-appunti skond kitba tat-23 ta' Apil 2019, "Dokument A" hawn anness, mill-Onorevoli Clayton Bartolo, u l-attur ġie mogħti l-metodoloġija tal-pagament tal-ħlas li kellu jagħmel lill-azzjonisti intimati biex jkollu l-ġestjoni ta' dan il-bar u restaurant Il Giardino Wine Cellar, fi Triq it-Turisti, Qawra*

4. *Illi bi frodi u misaproprjazzjoni l-intimati Roberto Villosio u David Gros ma setgħu qatt jitrasferixxu l-kirja tal-ġestjoni tal-fond Il Giardino Wine Cellar fi Triq it-Turisti, Qawra, stante illi l-kirja kienet f'isem Roberto Villosio biss u mhux f'isem is-soċjetà Il Giardino Wine Cellar Limited.*

5. *Illi b'raġġieri u maniġġi, l-attur ġie mġiegħel jaħseb illi l-kirja kienet ta' Il Giardino Wine Cellar Limited meta effettivament skond skrittura tas-27 ta'Jannar 2015, "Dokument B" hawn anness, huwa sar jaf illi Il Giardino Wine Cellar ġie mikri minn Charles Saliba lil Roberto Villosio f'ismu proprju u mhux is-soċjetà Il-Giardino Wine Cellar Limited.*

6. *Illi l-attur sar jaf b'dan mingħand l-istess Charles Saliba wara li kien għadda lill-intimati Villosio u Gros s-somma ta' €38,800.*

7. *Illi immedjatament malli huwa sar jaf b'dan, huwa interpella lill-intimati Villosio u Gros biex jirrifondulu l-flus li ħallas indebitament stante illi huma iffrodawh fil-kirja li suppost kellhom jgħaddulu u li qatt ma setgħu jgħaddulu għax ma kellhom l-ebda dritt biex jissullokaw l-istess.*

8. *Illi inoltre ma saret l-ebda skrittura ta' lokazzjoni bejn l-attur u l-intimati u kif jistipula l-Artikolu 1525(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kull kirja ttentata hija nulla u bla effett u ineżistenti jekk ma ssirx bil-miktub wara l-1 ta' Jannar 2010.*

9. *Illi l-attur konsegwentement ħallas, kif jirriżulta mill-appunti tat-23 ta' April 2019, Dokument A, s-somma ta' €38,800, f'pagamenti rateali skond "Dokument C1" sa "Dokument C13" hawn annessi, li għandhom jiġu rifużi immedjatament u bl-imgħaxijiet mit-23 ta' April 2019.*

10. *Illi l-attur interpella lill-intimati biex jirrifondulu s-somma fuq msemmija bl-imgħaxijiet mit-23 ta' April 2019 pero huma baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant, jgħidu l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u kif dispensat mis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 u 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-*

I. *Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-attur bid-dispensa tas-smiegħ tar-rikors ai termini tal-Artikoli 167 u 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

II. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimati solidalment bejniethom għandhom jirrifondu lill-attur is-somma ta' €38,800 oltre l-imgħax legali mit-23 ta' April 2019 ta' flus imħallsa indebitament lilhom b'raġġieri u frodi u misaproprjazzjoni, stante illi l-attur qatt ma seta' jkollu l-ġestjoni tal-kirja tal-fond Il Giardino Wine Cellar, Triq it-Turisti, Qawra, għax qatt ma ġiet iffirmata skrittura ai termini tal-Artikolu 1525(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u stante li l-iskrittura tas-27 ta' Jannar 2015 l-intimati ma setgħu qatt jitrasferixxu tali kirja u ġestjoni ta' Il Giardino Wine Cellar, Triq it-Turisti, Qawra, fuq l-attur, ai termini tal-istess skrittura.*

III. *Tikkundanna lill- intimati solidalment bejniethom jirrifondu lill-attur is-somma ta' €38,800 oltre l-imgħax legali mit-23 ta' April 2019*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru 948/2020 fl-ismijet premessi u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-21 ta' Mejju 2020 l-intimati irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

1. *Illi Il Giardino Wine Cellar Limited ġiet istitwita bħala soċjeta' minn David Gros, Roberto Villosio, u Barbara Parisi, liema soċjeta' twaqqfet primarjament sabiex tiġġestixxi l-ħanut bl-isem "II Giardino Wine Cellar', li jinsab ft Triq it-Turisti, Qawra, San Pawl il-Baħar;*

2. *Illi infatti, l-azzjonisti oriġinali, ossia David Gros, Roberto Villosio u Barbara Parisi, kienu abbozzaw u finalment iffirmaw 'Scrittura Privata Di Costituzione Societa' qabel ma ġew jgħixu b'mod permanenti hawn Malta, liema skrittura privata, skond il-liġi Taljana hija waħda valida;*

3. *Illi nonostame dan il-fatt, l-azzjonisti kienu formalment rreġistraw il-kumpanija skond il-liġi Maltija, fejn infatti twaqqfet il-kumnpanija II Giardino Wine Cellar Limited, bin-numru tar-reġistrazzjoui C 70091.*

4. *Illi sussegwentament, wara ftit snin tal-operat tal-kumpanija, Luca Buzzanca, ir-rikorrent, resaq lejn Roberto Villosio u David Gros, fejn beda jiġi diskuss il-possibilta' li Luca Buzzanca jixtri l-*

*kumpannija, II Giardino Wine Cellar Limited, fit-totalita tagħha, u dan għal prezz totali ta' sittin elf ewro (€60,000);*

5. *Illi d-diretturi preżenti tas-Soċjeta' Intimata Il Giardino Wine Cellar huma, Roberto Villosio u Luca Buzzanca.*

6. *Illi llum l-Onor. Clayton Bartolo, fit-23 ta' April tas-sena 2010, fil-kariga tiegħu ta' awditur, kien laqqa' l-partijiet Luca Buzzanca, David Gros, u Roberto Villosio, fejn flimkien waslu għal din is-somma ta' sittin elf ewro (€60,000), bħala somma ġusta għat-trasferiment totali tal-ishma tal-kumpanija;*

7. *Illi l-Istock u depożitu tal-kera kellhom jitħallsu separatament mis-sittin elf ewro (€60,000), u infatti Luca Buzzanca kien qabel li hu jħallas elfejn ewro (€2,000) għall-istock u elf u tmien mitt ewro bħala depożitu għall-ħlas ta' kera (€1,800).*

8. *Illi fl-istess laqgħa mal-partijiet u illum, l-Onor.Clayton Bartolo, kien ġie miftiehem li inizzjalment jiġu trasferiti ħamsa fil-mija (5%) tal-ishma, u sussegwentament kien isir it-trasferiment in toto tas-soċjeta' in kwistjoni, malli Luca Buzzanca jħallas l-ammont. miftiehem tas-sittin elf ewro (€60,000) kollha, Luca Buzzanca kien qabel ma' dan il- ftehim;*

9. *Illi, f'dan l-istadju David Gros u Barbara Parisi, kienu ħarġu mill-kumpanija u filwaqt li Villosio kellu ħamsa u disgħin fil-mija (95%) tal-ishma tas-soċjeta' in kwistjoni u Luca Buzzanca kellu ħamsa fil-mija (5%) tal-ishma tas-soċjeta' in kwistjoni, id-diretturi tas-soċjeta' kienu Roberto Villosio u Luca Buzzanca u bdew jamministraw is-soċjeta' t-tnejn flimkien b'mod ugwali;*

10. *Illi b'hekk l-ammont miftiehem tal-ishma kollha tal-kumpanija kienet dik ta' sittin elf ewro (€60,000), flimkien ma' elfejn ewro (€2,000) għall-istock u elf u tmien mitt ewro bħala depożitu għall-ħlas ta' kera (€1,800), b'hekk l-ammont totali dovut sabiex jsir it-trasferiment finali tal-ishma tal-kumpanija, kienet dik ta' tlieta u sittin elf u tmien mitt ewro (€63,800);*

11. *Illi minn dawn it-tlieta u sittin elf u tmien mitt ewro (€63,800) tħallsu solament. tmienja u tletin elf u tmien mitt ewro (€38,800);*

12. *Illi l-ammont ta' tmienja u tletin elf u tmien mitt ewro (€38,800) li tħallsu saru f'diversi pagamenti, fejn tali pagamenti saru kif ġej:*

i. *Pagament inizzjali ta' ħamsa u għoxrin elf (€25,000);*
ii. *Pagament ta' elfejn ewro (€2,000) għall-istock;*
iii. *Pagament ta' elf u tmien mitt ewro bħala depożitu għall-ħlas ta' kera (€1,800);*

iv. *Pagament ta' tlett elef ewro (€3,000) f'Ġunju 2019;*
v. *Pagament ta' tlett elef ewro (€3,000) f'Lulju 2019;*
vi. *Pagament ta' tlett elef ewro (€3,000) f'Awwissu 2019;*
vii. *Pagament ta' elf ewro (€1,000) f'Settembru 2019.*

13. *Illi l-pagamenti kellhom jibqgħu għaddejjin sa Marzu tas-sena 2020 fl-ammont ta' tlett elef kull xahar, sabiex titħallas is-somma kollha miftiehma, ossia dik ta' tlieta u sittin elf u tmien mitt ewro (€63,800), iżda l-pagament f'Settembru 2019 kien biss ta' elf ewro, u ma saru l-ebda aktar pagamenti wara din id-data, b'dan illi l-bilanċ ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) għat-trasferiment tal-ishma kollha lis-soċjeta' in kwistjoni baqa' qatt ma tħallas.*

14. *Illi Il Giardino Wine Cellar bħala ristorant, u MHUX Il Giardino Wine Cellar Limited huwa ġestit minn fond mikri mingħand Charles Andrew Saliba u dan skond ftehim ta' kera bejn l-istess Charles Andrew Saliba u Roberto Villosio għal għaxar (10) snin li bdew jiddekorru mill-1 ta' Frar 2015;*

15. *Illi sid il-fond in kwistjoni, ossia Charles Andrew Saliba, kien jaf li l-fond kien mikri għal ristorant, liema ristorant kien immexxi minn II Giardino Wine Cellar Limited, tant li anki riċevuti ta' ċerti ħlasijiet ta' kera is-Sur Saliba għamilhom f'isem il-kumpanija stess:*

16. *Illi Luca Buzzanca, kien jaf b'dan il-kuntratt u kien jaf ukoll li seta' biss jiġi rinegozjat l-istess kuntratt ta' kera fis-sena 2025 u ċioe wara għaxar snin mid-data tal-istess ftehim ta' kera;*

17. *Illi minkejja illi Luca Buzzanca dan kien jafu ċar, madanakollu, il-ħlas tal-ammont ta' tlieta u sittin elf u tmien mitt ewro (€63,800) li minnu tħallset biss is-somma ta' tmienja u tletin elf u tmien mitt ewro (€38,800), huwa biss bħala prezz għax-xiri tal-kumpanija fit-totalita tagħha, u m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-kirja li qed jibbaża fuqha din il-kawża r-rikorrenti;*

18. *Illi qatt, tul in-negozjati ma kien hemm ftehim o meno, li l-ishma tal-kumpanija li kellhom jiġu trasferiti f'isem Luca Buzzanca kienu jiddependu mill fatt li l-kirja kellha tiġi f'isem is-soċjeta' Il Giardino Wine Cellar, u huwa għal kollox mhux ġust li din il-kwistjoni tqajmet issa fejn ir-rikorrenti qiegħed jakkuża lill-intimati bi frodi u misappropjazzjoni;*

**Provi:**

3. Rat l-affidavit konġunt ta' **Luca Buzzanca** u **Katia Attisani** ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2020 (fol 23).

4. Semgħet ix-xhieda ta' **l-Onorevoli Clayton Bartolo** mogħtija fit-12 ta' Jannar 2021 (fol 65).

5. Semgħet ix-xhieda ta' **Charles Andrew Saliba** mogħtija fis-6 ta' Mejju 2021 (fol 102).

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Roberto Villosio** mogħtija fis-6 ta' Mejju 2021 (fol 115).

7. Semgħet ix-xhieda ta' **David Gros** mogħtija fl-14 ta' Lulju 2021 (fol 139).

8. Semgħet ix-xhieda ta' Luca Buzzanca, in kontro-eżami, mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2021 (fol 146).

9. Semgħet ix-xhieda ta' Katia Attisani, in kontro-eżami, mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2021 (fol 155).

10. Rat l-affidavit ta' Roberto Villosio, David Gros u ta' **Barbara Parisi** ppreżentati fis-17 ta' Marzu 2022 (fol 158).

11. Semgħet ix-xhieda ta' Roberto Villosio mogħtija fil-31 ta' Mejju 2022 (fol 219).

12. Rat li fil-31 ta' Mejju 2022 r-rikorrent iddikjara li, għalkemm ma jaqbilx ma' l-affidavit ta' Barbara Parisi u David Gros, mhux ser jagħmel il-kontro-eżami tagħhom wara li għamel il-kontro-eżami lil Roberto Villosio.

13. Rat li fil-31 ta' Mejju 2022, il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni finali wara li l-partijiet qablu li l-provi huma magħluqa.

14. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

15. Jirriżulta li r-rikorrent ħallas l-ammont ta' Ewro 38,800 lill-intimati azzjonisti fis-soċjeta' Il Giardino Wine Cellar Limited. Jirriżulta li, quddiem Clayton Bartolo, konsulent finanzjarju mqabbad mill-intimati, saru l-appunti f'kitba datata 23 ta' April 2018 Dok A (fol 8) dwar l-metodoloġija tal-pagament tal-ħlas li kellu jagħmel ir-rikorrent sabiex jieħu f'idejh il-ġestjoni tal-bar u restaurant Il Giardino Wine Cellar.

16. Jirriżulta li skont skrittura ta' kirja tal-ħanut datata 27 ta' Jannar 2015, (fol 9) bejn Charles Andrew Saliba u Roberto Villosio juri biċ-ċar li il-ħanut Giardino Wine Cellar ġie mikri minn l-istess Charles Saliba lil Roberto Villosio f'ismu proprju u mhux lis-soċjeta' Il Giardino Wine Cellar Limited.

17. Jirriżulta wkoll mill-provi li r-rikorrent kien diġa' ħallas l-ammont ta' Ewro 38,800 meta sar jaf bl-iskrittura ta' kera, liema skrittura tgħid li l-intimat Villosio ma kellux dritt jissullokaw l-imsemmi bar and restaurant lill-terzi. Konsegwentement, kien

wara li sar jaf dan li r-rikorrent interpella lill-intimati sabiex jirrifondu lura l-ammont ta' Ewro 38,000 iżda baqgħu inadempjenti.

**Mertu tal-każ**

18. Jibda biex jingħad, li kif sottomess mill-istess rikorrent, ir-restaurant Il Giardino Wine Bar kien mikri lil Roberto Villosio mingħand Charles Andrew Saliba. Dan jirriżulta ċar mill-kuntratt ta' lokazzjoni eżebit bħala Dok B fol 9, liema kuntratt huwa datat 27 ta' Jannar 2015. Dan il-kuntratt sar għal terminu ta' għaxar snin kif stipulat a fol 10.

19. F'dan il-kuntest, tajjeb issir referenza għas-'subheading' ASSIGNMENT fejn jingħad hekk:

    *"The tenant shall not be entitled to assign this agreement without the speċifiċi written consent of the Landlord, which consent shall be given solely at the discretion of the Landlord.*

    *Sub-letting of the premises in toto or in part shall be strictly prohibited. The tenant shall only be entitled to sub-let the premises in those circumstances when the Landlord has granted its express consent in writing for such sub-letting."*

20. Fix-xhieda tiegħu tas-6 ta' Mejju 2021, Charles Andrew Saliba kkonferma li skont il-kuntratt ta' l-imsemmi kuntratt ta' lokazzjoni, is-sullokazzjoni ma kinitx permessa. Huwa kkonferma wkoll li Roberto Villosio qatt ma talbu permess bil-miktub biex jissulloka l-fond Il Giardino Wine Cellar. Spjega biss fix-xhieda tiegħu li kien ra lil Buzzanca fl-imsemmi fond Il Giardino Wine Cellar, iżda qatt ma kellu relazzjoni ta' xejn ma' Buzzanca. Ix-xhud Charles Andrew Saliba kien ferm ċar fix-xhieda tiegħu, qal li hu ħalla lill-intimati Villosio u Gros jiffurmaw kumpanija għal raġunijiet ta' VAT. Sostna wkoll li sar jaf li kien hemm flus li għaddew mir-rikorrent Buzzanca lill-intimati, meta sar jaf bil-proċess ġudizzjarju li kien hemm bejn il-partijiet. Ix-xhud Saliba ippreċiża ukoll, fix-xhieda tiegħu, li meta kellem lil Buzzanca, kien spjegalu li kien jaf li kien hemm sub-letting kien jieħu azzjoni. Ikkonferma wkoll, meta mistoqsi kien ġie mistieden għand l-Onorevoli Clayton Bartolo meta iltaqgħu l-partijiet f'dan il-każ għandu, ix-xhud Saliba kkonferma li le ma kienx a konoxxenza u ma kienx preżenti hemm.

21. Sinifikati wkoll, li fl-aħħar tax-xhieda tiegħu Charles Andrew Saliba ikkonferma li ċ-ċwievet tal-fond Il Giardino Wine Bar jinsabu għandu, peress li l-lokazzjoni lill-intimat Villosio ġiet terminata, għalhekk il-fond reġa' irritorna lura għandu.

22. Il-Qorti tosserva li m'huwa bl-ebda mod ikkontestat li l-ftehim bejn il-kontendenti kien jikkonċerna t-trasferiment ta' dan il-bar u restaurant Il Giardino Wine Bar. Fil-fatt, Roberto Villosio stess fil-kontro-eżami tiegħu ikkonferma dan il-fatt.

23. Il-ħsieb wara tali ftehim kien li kellu jiġi trasferit in-negozju tar-Restaurant u konsegwentement kellhom jiġu trasferiti l-ishma fuq ir-rikorrent. Jirriżulta,

madanakollu, illi Il Giardino Wine Cellar Limited ma kellhiex il-kirja tar-restaurant, stante li kif diġa' ingħad il-kirja kienet ingħatat lil Roberto Villosio mingħand Charles Andrew Saliba, u b'hekk, il-ġestjoni tan-negozju u t-trasferiment tal-ishma ma setgħux jgħaddu għand ir-rikorrent, kif miftiehem oriġinarjament.

24. Din il-Qorti tagħmel referenza għan-notamenti redatti fit-23 ta' April 2019 minn l-Onorevoli Clayton Bartolo, liema dokument huwa indikattiv ta' dak miftiehem u ta' dak li kellu jiġi trasferit. L-istess Clayton Bartolo fix-xhieda tiegħu, meta mistoqsi dwar id-diskussjonijiet li saru quddiemu, ikkonferma li l-ftehim kien li r-rikorrent jidħol fl-operat ta' Il Giardino Wine Bar u b'hekk sar il-ftehim versu l-ħlas li kellu jsir. L-istess xhud, meta mistoqsi, li l-intenzjoni tal-partijiet, kinitx li r-rikorrent, apparti t-trasferiment tal-ishma, kellu jkollu wkoll il-ġestjoni ta' Il Giardino Wine Cellar, ikkonferma dan.

**Ikkunsidrat**

25. Minn analiżi tar-riżultanzi fattwali, jidher ċar, li l-pern tal-vertenza in eżami tikkonċerna t-trasferiment ta' Il Giardino Wine Cellar. Jidher evidentement, li r-rikorrent kien ħallas l-ammont ta' Ewro 38,800 bħala parti mill-ammont akbar dovut b'impressjoni li l-kumpannija Il Giardino Wine Cellar Limited għandha r-restaurant f'isimha. Iżda dan ma kienx minnu xejn.

26. Ghalkemm jidher li l-kumpanija Il Giardino Wine Cellar Limited kienet qed topera billi tmexxi r-restaurant in kwistjoni, il-kirja ma kinitx f'isem il-kumpanija, Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-fatti, in-negozju u t-trasferiment ta' ishma tal-kumpanija ma setgħetx tavvera ruħha kif miftiehem.

27. Jiġi puntwalizzat, li mhuwiex bl-ebda mod ikkontestat li r-rikorrent ħallas l-ammont ta' Ewro 38,800 lill-intimati. Tant huwa hekk, li fit-tnax -il eċċezzjoni tal-intimati, ġie sostnut li l-ammont ta' Ewro 38,800 tħallsu f'diversi pagamenti u jidher l-elenku tal-pagamenti kif saru fl-ammonti hemmhekk indikati. Dan ġie ikkonfermat ukoll fl-affidavit ta' Roberto Villosio.

28. Relevanti ukoll, sabiex titfa' dawl fuq il-fatti u punti saljenti li emerġew f'dan il-każ, hija x-xhieda ta' Roberto Villosio u David Gros fl-affidavit tiegħu fejn fl-ewwel żewġ paragrafi ġie spjegat hekk:

> *"Il Giardino Wine Cellar Limited was incorporated as a company by David Gros, Roberto Villosio and Barbara Parisi, which company was set up to primarily run a shop with the name 'Il Giardino Wine Cellar', which is found in Triq it-Turisti, Qawra, St Paul's Bay ……"*
>
> *Since we had decided that we will be living on the Maltese Islands personally, as shareholders of the company, we had decided to formally register the company according to Maltese Law, since we were now going to operate the company here in Malta. In fact, the company Il Giardino*

> *Wine Cellar Limited was founded, with company registration number C70091."*

29. Minn dan suċitat, jiġi dedott, li l-kumpannija ġiet imwaqqfa primarjament bl-intenzjoni li tiġġestixxi r-restaurant mertu ta' din il-vertenza.

30. Dak sostnut mill-intimati dwar l-importanza ta' '*scrittuta privata di costituzione di societa*' iffirmata fl-Italja, eżebita bħala Dok RD1 fol 53 mar-risposta, ma timpinġix fuq l-eżitu ta' dan il-każ. Dan qed jingħad għax dik hija skrittura iffirmata barra minn Malta li m'għandhiex relevanza għall-ftehim li seħħ bejn il-partijiet fil-każ in diżamina. Għalhekk, dak sostnut fl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimati ma jistax jintlaqa'.

31. F'dan il-kuntest, jiġi osservat ukoll, dak sostnut, mill-intimati Roberto Villosio u David Gros fl-affidavit tagħhom, rigward il-kera tal-fond Il Giardino Wine Cellar u l-ġestjoni tar-restaurant, fejn ingħad is-segwenti:

> *"Il Giardino Wine Cellar as a restaurant, and NOT Il Giardino Wine Cellar Limited was vested from a property which was being rented from Charles Andrew Saliba. In fact, an agreement of lease between the same Charles Andrew Saliba and Roberto Villosio was signed on the 1st of February 2015 and such agreement had to last for ten (10) years. Mr Saliba was aware that the property was rented for a restaurant, which restaurant was administered by Il Giardino Wine Cellar Limited, so much so that Mr Saliba even issued receipts for the payment of certain rents due in the name of the company itself."*

32. Mill provi ħareġ ċar li r-restaurant kien mikri mingħand Charles Andrew Saliba a tenur tal-kuntratt ta' lokazzjoni datat ta' Frar 2015 minn Roberto Villosio u Il Giardino Wine Cellar Limited ma kellha xejn x'titrasferixxi. Dan jidher ċar minn dak spjegat fl-istess affidavit tal-intimati. Għalkemm Charles Andrew Saliba ma kellux diffikolta li l-ħanut jiġi operat mill-kumpanija minflok Villosio, xorta insista li ma setax isir sullokazzjoni abbażi tal-kuntratt ta' lokazzjoni datat 1 ta' Frar 2015.

33. L-argument tal-intimati, fl-eċċezzjonijiet u fl-affidavit tagħhom, li Buzzanca kien qed jixtri l-ishma tal-kumpanija biss u ma kienx hemm ftehim dwar il-kirja tal-fond Il Giardino Wine Cellar hija waħda totalment inverosimili.

34. Kif jista' qatt jiġi kkontemplat illi r-rikorrent jintalab iħallas somma ta' tlieta u sittin elf Euro għal operazzjoni ta' ħanut mingħajr ma jkollu ebda titolu fuq il-ħanut innifsu – hija totalment inverosimili u huwa ċar li r-rikrorent kien vittma ta' raġġiri sħaħ da' parte ta' l-intimati.

35. Għaldaqstant, l-argument tal-intimati f'dan ir-rigward, ċertament, ma jreġġix.

36. In vista tas-suespost, il-Qorti ssib illi ma hemm ebda raġuni għaliex ma għandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrent għar-rifużjoni ta' tmienja u tletin elf, u tmien mitt Ewro (Ewro38,800).

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijet kollha fil-mertu ta' l-intimati għall-motivi spjegati.

**Tilqa' t-Talba** tar-rikorrent, u dan billi:

**Tiddikjara** illi l-intimati solidament bejniethom għandhom jirrifondu lill-attur is-somma ta' **tmienja u tletin elf u tmien mitt Ewro (Ewro 38,800)** imħallsa indebitament lilhom għar-raġunijiet indikati mir-rikorrent,

**Tikkundanna** illi l-intimati solidament bejniethom iħallsu lill-attur is-somma ta' tmienja u tletin elf u tmien mitt Ewro (Ewro38,800).

**Imgħax** huwa dovut mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjeż kollha, kif mitluba, ikunu a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur